# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2625

**Kaz Numru 3576/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Anthony Attard (KI 6377 M)**

**u**

**Burmarrad Commercials Ltd.**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta*

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 30 t'Ottubru, 2019**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Anthony Attard fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-25 ta' Lulju, 2017, fejn sostna li s-sensja li nghata ma saritx ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li Anthony Attard qatt ma gie mkecci mill-impjieg izda hu rrizenja minhabba kwistjoni ta' sahha.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm disa' (9) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Anthony Attard li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant fil-bidu kellu l-assistenza ta' l-Avv. Mark A. Mifsud Cutajar, izda aktar tard ghazel li jipprocedi minghajr assistenza legali.

Burmarrad Commercials Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-socjeta' ntimata kienet irrapprezentata minn Mario Gauci assistit mill-Avv. Keith A. Borg, mill-Avv. Laura Calleja u mill-Avv. Mary Rose Micallef.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien gie mpjegat mas-socjeta' ntimata bhala *Spray Shop* u *Delivery* fl-1 ta' Jannar, 2017, fuq bazi *full-time.*

Fis-6 ta' Frar, 2017, huwa sofra ncident fuq il-lant tax-xoghol u konsegwenza ta' hekk hareg fuq *injury leave*, kopert b'certifikati medici.

L-impjieg tal-Appellant gie fi tmiemu nhar il-5 ta' Mejju, 2017, bir-raguni li nghatat lill-Jobsplus tkun rizenja minhabba raguni ta' sahha. It-*termination form* li ntbaghtet lill-Jobsplus kienet iggib il-firma kemm tal-*employer* u anke tal-Appellant.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Rosemarie Camilleri** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija tokkupa l-karigi kemm ta' *Personal Assistant* tad-Direttur u dik ta' *HR,* u li ilha fl-impjieg mall-kumpanija ghal tmienja u ghoxrin (28) sena. Hija qalet li lill-Appellant tafu bhala mpjegat tal-kumpanija, fejn huwa beda l-impjieg nhar l-1 ta' Lulju, 2015, fejn kien irrizenja fil-31 ta' Dicembru, 2016, ghaxart (10) t'ijiem wara, x-xhud qalet li huwa kien rega' gie mpjegat u cjoe' fl-10 ta' Jannar, 2017, u l-impjieg tieghu gie terminat fil-5 ta' Mejju, 2017.
Ix-xhud qalet li l-Appellant kien tkellem mad-Diretur / *CEO* Mario Gauci *Snr.,* u dan kien fil-presenza taghha. Hija kompliet li dakinhar Gauci kien kellem lil Attard fejn kien offrielu doveri ta' inqas strapazz peress li huwa kien taht *injury leave* wara li kien wegga' fuq ix-xoghol. Hija qalet li din l-offerta Gauci kien ghamilha peress li ma setax joqghod minghajr impjegat u li din l-offerta kienet minflok ma jigi mitmum l-impjieg.
Ix-xhud kompliet li Attard ma kienx accetta din l-offerta u offra li jirrizenja.

Hija qalet li t-*termination form* tal-Jobsplus u li kienet saret nhar id-9 ta' Mejju, 2017, kienet tindika rizenja minhabba ragunijiet ta' sahha u li kienet iffirmata kemm minn Gauci bhala Direttur u minn Attard bhala l-impjegat. Ix-xhud qalet li l-Appellant kien qalilhom li lest jieqaf mix-xoghol '*due to health reasons'*. Hija qalet li z-zewg persuni ndikati minnha kienu ffirmaw it-*termination form* fil-presenza taghha. Ix-xhud qalet li l-impjegat kien inghata *warning* ghaliex kien ha xi *sick leave* minhghajr ma gab *medical certificate* u ma kienx icempel meta ma kienx ser imur xoghol. Ix-xhud qalet li s-Superjur dirett fuq Attard kien Jeffrey Spiteri.

**Jeffrey Spiteri** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa ilu jahdem mas-socjeta' ntimata ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena u jokkupa l-kariga ta' *Foreman* fl-*Ispray Shop*. Huwa qal li jaf lill-Appellant bhala mpjegat li kien jigi tahtu u fejn kien jaghmel xoghol ta' *labourer*, izarma l-karozzi u jizboh xi naqra.
Ix-xhud qal li huwa jaf li l-Appellant minn dejjem kien jghid li jbati minn ugiegh f'irkupptejh ferm qabel kellu l-incident li fih jghid li kien wegga'.
Ix-xhud qal li minhabba l-kundizzjoni tieghu, kien jigi evitat lilu (lill-Appellant) certu xoghol fejn kienu jghidulu sabiex juza *cushions*. Ix-xhud tenna li gieli anke uzawh fis-sezzjoni tal-kiri tal-vetturi bhala xufier ghaliex fis-sewqan ma kellux problemi.
Ix-xhud kompla li darba minnhom meta kienu qeghdin jinhattu affarijiet minn fuq trakk, waqa' *tyre* u l-Appellant laqghu b'saqajh u wegga' u minn hemmhekk hareg bl-*injury leave*. Ix-xhud qal li l-Appellant kien jigi jigbor il-paga bil-karozza tieghu.
Ix-xhud kompla li meta kkunsidra din is-sitwazzjoni kien tkellem mall-Principal Mario Gauci dwar l-idea li galadarba l-Appellant jista' jsuq ikun trasferit mill-*Ispray Shop* ghal xoghol ta' sewqan fis-sezzjoni tal-kiri tal-vetturi. Ix-xhud qal li dwar dan jaf li lill-Appellant kienu kellmuh mill-ufficcju izda huwa (l-Appellant) ma accettax li jaghmel dan ix-xoghol. Ix-xhud qal li tali rifjut min-naha tal-Appellant sar bil-kitba fejn huwa (l-Appellant) kien anke ffirma.

**Mario Gauci** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa d-Direttur tas-socjeta' ntimata. Ix-xhud stqarr li wara li l-Appellant kien involut f'incident fuq ix-xoghol dan kien hareg fuq *injury leave*. Huwa kompla li waqt li kien fuq l-*injury leave* kien tkellem mall-Appellant fl-istess istant li huwa kien gie biex jirrizenja fejn rega' offrielu li jaghmel xoghol ta' sewqan izda dan min-naha tieghu rega' rrifjuta tali inkarigu, u dan ghaliex ma kienx interessat. Ix-xhud qal li meta kien ikellmu dwar dan huwa kien jghidlu li dan qed joffriehulu ghaliex il-kumpanija fl-assenza tieghu kellha bzonn tingagga lil xi haddiehor

sabiex jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel hu. Ix-xhud sostna li meta saret l-offerta ghal xoghol alternattiv lill-Appellant, ma kienx intqal lilu li jekk jaccetta kienet ser tonqoslu l-paga u li qatt ma kienet l-intenzjoni li jsir hekk. Ix-xhud stqarr li meta l-Appellant iffirma t-*termination form*, huwa stess (l-Appellant) kien insista mas-Segretarja Rosemarie Camilleri li r-raguni trid tkun li kien qed jirrizenja minhabba ragunijiet ta' sahha.

**Anthony Attard** beda x-xhieda tieghu billi qal huwa kien hadem mall-kumpanija darbtejn, bl-ewwel darba tkun bejn il-15 ta' Lulju u l-31 ta' Dicembru, 2015, fejn kien irrizenja mix-xoghol. Huwa kompla li t-tieni ingagg sehh wara ghaxart ijiem, u dan wara li kien gie avvicinat min-naha tal-kumpanija. Huwa qal li l-*Foreman* tieghu kien Jeffrey Pisani. Ix-xhud qal li sakemm dam impjegat mall-kumpanija qatt ma sarlu kuntratt tax-xoghol. Ix-xhud kompla li fis-6 ta' Frar, 2017, kien wegga' fuq il-post tax-xoghol, meta zewg *tyres* kienu waqghu minn fuq trakk u fejn wiehed minnhom li kien gej jirrombla fid-direzzjoni tieghu kien ghafaslu rkoptu ma' *Cherry Picker* li kien warajh. Huwa kompla li in segwitu ta' dan l-incident, certu mpjegat iehor jismu Matis hadu fil-poliklinika tal-Mosta. Ix-xhud tenna li wara l-incident huwa baqa' ma jistax jimxi sew sa xahrejn wara. Huwa qal li lil Rose tal-*HR* kien ghaddielha certifikat mediku *open*.
Huwa kompla li xahrejn wara kien intqal lilu li ma setghetx tibqa' stennija ghalih u l-impjieg gie terminat, u minfloku kien gie ngaggat Taljan.
Ix-xhud spjega li sa dakinhar l-anqas kien ghadu sarlu *MRI* ta' rkubtejh. Huwa tenna li fil-perjodu li dam barra mix-xoghol dejjem baghat ic-certifikati medici lill-*Employer*.
Fir-rigward tax-xhieda moghtija minn Jeffrey Spiteri huwa nnega li precedentament ghall-incident ta' Frar, 2017, huwa kien diga' kien jilmenta dwar ugigh f'irkubbtejh. F'dan il-kuntest ix-xhud ipprezenta kopji ta' ritratti li jindikaw ix-xoghol li kien jaghmel.
Ix-xhud stqarr li meta mar jigbor l-ahhar paga, Rose tal-*HR* kienet qaltlu li jekk ma jiffirmax it-*termination form* li kienu pprezentatlu, l-paga ma tohrogx.
Ix-xhud qal li darba minnhom Rose tal-*HR* kienet qaltlu li Mario Gauci kien offrilu €200 kumpens filwaqt li nfurmatu li meta jkun hemm xoghol *available* jidhol. Ix-xhud stqarr li huwa rrifjuta tali kumpens filwaqt li spjega li rieduh jiffirma karta speci ta' dikjarazzjoni li la hu ma jfittiex lill-kumpanija u l-anqas huma ma jfittxu lilu.

Ix-xhud qal li huwa qatt ma gie offrut xoghol alternattiv qabel ma l-impjieg tieghu gie mitmum. Dan irrijaffermah meta gie kontro-ezaminat. Waqt l-istess kontro-ezami, x-xhud stqarr li huwa kien ircieva *acknowledgement* minghand il-Jobsplus dwar it-*termination form* li kienet intbaghtet izda ma qrahiex ghaliex ma tantx jaf jaqra. Huwa tenna li 'dik il-karta ma tajtx kasha'.
Huwa qal li minn wara li hareg fuq *injury leave* huwa kien thallas tlett pagi, fejn darbtejn kien mar jigbor il-paga mill-*premises* tal-kumpanija ghaliex kienet issuqu l-*partner* tieghu u l-ahhar wahda kien ircevijha bil-posta.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**F'dan l-istadju t-Tribunal rega' fakkar lill-Appellant dwar jekk iridx li jinghata l-fakulta' li jkun assistit u t-trattazzjoni ssir f'seduta ohra, l-Appellant ma laqax id-direzzjoni tat-Tribunal.**

**Avv. Mary Rose Micallef** ghan-nom tas-socjeta' ntimata ghamlet referenza elaborata fuq ix-xhieda li kienet tat Rosemarie Camilleri fejn din kienet qalet li qabel ma kienet giet maqbula r-raguni tat-tmiem tal-impjieg bejn Attard u d-Direttur Mario Gauci, kienet saret offerta lil Attard ghal doveri alternattivi, izda tali offerta kienet giet rifjutata. Hija tenniet li Camilleri kienet stqarret li t-*termination form* kienet giet iffirmata quddiema.
l-Avv. Micallef qalet li l-Appellant huwa persuna matura, persuna li hija midhla sew ta' bidu u tmiem ta' diversi mpjiegi li kellu u allura jaf sew xi tfisser meta tiffirma dokument tal-Jobsplus dwar ingagg jew terminazzjoni ta' mpjieg. Hija tenniet li dan hareg b'mod car meta l-istess Appellant ikkonferma li kien ircieva *acknowledgement* minghand il-Jobsplus fejn fost affarijiet ohra tali korrispondenza kienet tistiednu li jekk ma kienx qed jaqbel mar-raguni tat-tmiem tal-impjieg seta' jaghmel l-ilment tieghu. L-Avv. Micallef sahqet li l-Appellant ikkonferma ukoll li tali stedina ma kienx ta kasha.

**Anthony Attard** li baqa' minghajr assistenza ghamel it-trattazzjoni huwa stess**.** Huwa beda billi cahad li l-kumpanija qatt offrietlu doveri alternattivi. Huwa qal li meta mar jitkellem mad-Direttur Gauci dan min-naha tieghu kien qallu li kien ser jitterminalu l-job ghaliex ma setax jissaportih. Huwa qal li dakinhar kien hareg jitkellem mall-mara tieghu u qalilha li kien ser ikollu jiftah kawza ghaliex kien tkecca ngustament.

Huwa ghalaq billi qal li darb'ohra wara, kienet cemplitlu Rose tal-HR u qaltlu li Gauci kien offrielu €200 izda huwa ma accettahomx ghax kien ser jiftah kawza. Huwa ghalaq billi qal li wara sar jaf li minfloku kien dahal jahdem taljan.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Sabiex kellu jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu dwar dan il-kaz it-Tribunal kellu janalizza l-interpretazzjonijiet kontrastanti taz-zewg partijiet tal-fatti kif sehhew u li wasslu ghat-tmiem tal-impjieg 'in kwestjoni'.

Filwaqt illi ma kienx hemm kontestazzjoni li t-tmiem tal-impjieg gie registrat b'mod ufficcjali mall-Jobsplus bhala rizenja minhabba ragunijiet ta' sahha, l-Appellant sostna li huwa qabel li titnizzel din ir-raguni ghaliex kien 'sfurzat' li jekk ma jaghmilx hekk ma jirceviex il-hlas salarjali li kellu pendenti mall-kumpanija. Mill-banda l-ohra l-*Employer* sostna li kien l-istess Attard li nsista li r-raguni tkun rizenja minhabba sahha.

Dan it-Tribunal jaghraf illi meta l-Jobsplus jircievu '*termination form*', jinformaw lill-partijiet u cjoe' sija lill-*employer* u sija lill-impjegat li jekk ma jaqblux ma xi dettall li jkun tnizzel fit-*termination form* ghandhom 10 ijiem sabiex jaghmlu l-oggezzjoni taghhom. L-Appellant stqarr li kien ircieva tali notifika izda ma ghamel xejn.

Dan it-Tribunal jaghraf ukoll li l-Appellant kellu d-dritt li jaghmel appell quddiem l-Awtorita' Nazzjonali tax-Xoghol dwar ir-raguni kif moghtija lill-Jobsplus, jekk fil-fehma tieghu dik ir-raguni ma kienetx veritiera, galadarba jghid li huwa ma rrizenjax izda gie mkecci jew sforzat jirrizenja. Anke f'din ic-cirkostanza, l-Appellant ma ntavola l-ebda appell f'dan is-sens quddiem l-Awtorita' riferuta, minkejja li quddiem it-Tribunal baqa' jsostni li l-impjieg intemmlu mill-kumpanija.

X'gieghel lill-Appellant ma jmur ghall-ebda rimedju sabiex ir-raguni tat-tmiem tal-impjieg tieghu tkun mibdula jafha hu biss.

Dan it-Tribunal ikkunsidra ukoll dak li stqarr l-Appellant fejn qal li meta huwa ffirma t-*termination form* ma kienx jaf ezatt x'kien fiha. Tali konsiderazzjoni t-Tribunal ghamilha fl-inkwadratura ma' dokument ipprezentat mill-Jobsplus (DOK C) fejn fid-dettalji personali tal-Appellant hemm indikat li huwa ghandu kompetenzi fil-Malti, fl-Ingliz, u fit-Taljan fost kompetenzi ohra. It-

Tribunal isibha ferm difficli li jifhem li persuna litterata taqbad u tiffirma dokument ufficcjali u wara tghid li ma kienetx taf x'qed tiffirma.

Matul dan il-process, l-Appellant ta x'jinftiehem li bhal donnu t-tmiem tal-impjieg tieghu kien rizenja sfurzata, pero' fid-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu ma hemm l-ebda referenza li huwa kien qed jikkunsidra l-kaz tieghu bhala *constructive dismissal* u cjoe' rizenja sfurzata. Anzi fl-istess dikjarazzjoni tal-kaz, huwa jiddeskrivi t-tmiem tal-impjieg tieghu bhala 'animosita u pika da parti tad-Direttur Manigerjali li kkamuffa t-tkeccija f'sensja…'. Dikjarazzjoni cara li l-Appellant meta ntavola l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal kien qed iqis li huwa gie ssensjat allavolja li kien hu stess li kien iffirma li kien irrizenja u dan ghal ragunijiet ta' sahha.

Dan it-Tribunal josserva li t-tmiem tal-impjieg ittrattat kien sehh tlett xhur wara li l-Appellant kien wegga' fuq ix-xoghol u fi stadju fejn l-Appellant ma kienx qed jindika xi zmien meta huwa kien ser jirritorna ghax-xoghol.

It-Tribunal innota li mid-dokumenti provduti mill-Jobsplus hemm indikat li sa mit-tmiem tal-impjieg tieghu minn mas-socjeta' ntimata u cjoe' sa mill-5/5/2017, l-Appellant qatt ma hadem u m'huwiex indikat li sa minn dik id-data huwa qatt irregistra bhala disimpjegat.

- **Decizjoni**

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellant kienet rizenja volontarja, u mhux tkeccija min-naha tas-socjeta' ntimata.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**